



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14381/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0364 (NLE)

AELE 43
EEE 41
N 96
ISL 55
FL 34
MI 949
SOC 744
EMPL 531

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda għall-Annessi V (Moviment liberu tal-ħaddiema) u VI (Sigurtà soċjali) u għall-Protokoll 31 (Dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) tal-Ftehim ŻEE (Regolament tal-ELA)
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda għall-Annessi V
(Moviment liberu tal-ħaddiema) u VI (Sigurtà soċjali) u għall-Protokoll 31
(Dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet)
tal-Ftehim ŻEE
(Regolament tal-ELA)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46 u 48, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost oħrajn, l-Annessi V (Moviment liberu tal-ħaddiema) u VI (Sigurtà soċjali) u l-Protokoll 31 (Dwar il-kooperazzjoni f’oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba’ libertajiet) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jenħtieġ li jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Jenħtieġ għalhekk li l-Annessi V (Moviment liberu tal-ħaddiema) u VI (Sigurtà soċjali) u l-Protokoll 31 (Dwar il-kooperazzjoni f’oqsma speċifiċi barra mill-erba’ libertajiet) tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

² Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Annessi V (Moviment liberu tal-ħaddiema) u VI (Sigurtà soċjali) u għall-Protokoll 31 (Dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kunsill

Il-President
